**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU.18 – L-ERBGĦA 29 TA' OTTUBRU 2025**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dott. Christopher Deguara | Sindku |
| | Joseph Spiteri | Viċi Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier (wasal 6.12pm) |
| | Andre' Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Louis Camilleri | Kunsillier |
| Skużati: | Godwin Grech | Kunsillier |
| | Matthew Vella | Kunsillier |
| Uffiċjali Preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Yanika Borg | Uffiċċjal Amministrattiv II |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa live fuq il-paġna ta' Facebook.

## 1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;

1.1. Is-SE informa li kien irċieva emails ta' apoloġija mingħand il-Kunsillieri Godwin Grech u Matthew Vella.

1.2. Il-Kunsillier Noel Gatt infurmah li kien se jittardja.

## 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI;

2.1. Il-Kunsill approva *nem con* il-minuti tal-laqgħa nr.17 fuq proposta tal-Kunsillier Cuomo ssekondata mill-Kunsillier Muscat.

## 3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU;

3.1. Is-Sindku ressaq il-kommunikazzjonijiet tiegħu kif ġej:

3.1.1. Dwar l-offerti għat-tindif tal-latrina daħal appell u għalhekk sakemm jinqata' ma jistax jingħata l-kuntratt il-ġdid.

3.1.2. Dwar il-varar tal-ktieb għadna qed nikkordinaw l-attività.

3.1.3. Fuq is-servizz ta' cloud telephony, ninsabu fl-aħħar fażi tal-koordinazzjoni bejn is-service provider u l-MITA. Tajjeb insemmi li sibna ħafna għajnuna u kooperazzjoni mid-divizjoni tal-gvern lokali li kellu jintervjeni u anka se jiffinanzja l-ispejjez mitluba mil-MITA.

3.1.4. Dwar il-whatsapp, ninsabu f'fażi ta' l-aħħar testing qabel dan ikun imniehdi għal pubbliku. Sa dan it-tant, sodisfatt li dakinhar tal-laqgħa stess ġie varat channel fuq facebook Messenger hekk kif issuġerit mill-kunsillier Muscat.

3.1.5. Bejn it-2 u 6 ta' Ottubru delegazzjoni magħmula minn uffiċjali tal-Kunsill, żaru Strumyani għal folklore festival li jsir kull sena. Apparti t-titjiriet, l-ispejjeż kienu mħallsa minn Strumyani.

3.1.6. Fis-7 ta' Ottubru, saret laqgħa dwar l-attività tal-Milied li se ssir fl-20 ta' Diċembru.

3.1.7. Fis-7 ta' Ottubru saret laqgħa dwar l-attività tal-Halloween li se ssir fil-31 ta' Ottubru.

3.1.8. Bejn it-12 u 16 ta' Ottubru il-Kunsillieri Andrè Muscat u Noel Gatt attendew għall-*European Week of Regions and Cities* fi Brussell. Parti kbira mill-ispejjeż se jiġu ffinanzjati mir-Reġjun Tramuntana. Il-Kunsillier Muscat spjega li din kienet opportunità fejn saru numru ta' workshops u fieri minn Reġjuni u Kunsilli differenti li qasmu l-esperjenzi tagħhom speċjalment permezz tal-AI. Ir-Reġjun Tramuntanata ikkordina wkoll laqgħa mal-President tal-Parlament Ewropew.

3.1.9. Fit-13 ta' Ottubru beda' x-xogħol fuq Triq Santa Marija minn Infrastructure Malta. Is-Sindku ċċara li kull miżura tat-traffiku li ttieħdet fiż-żona se tkun fis-seħħ sakemm jitlesta x-xogħol.

3.1.10. Fil-15 ta' Ottubru saret laqgħa mal-Community Police. Din hija laqgħa kordjali li ssir kull xahar.

3.1.11. Fis-17 ta' Ottubru saret laqgħa mal-familjari tal-għannej il-Kalora dwar l-installazjoni tal-pedestall li se jitqiegħed fi Ġnien il-Ħaddieda bil-bust tal-Kalora. Ix-xogħol mistenni jibda' il-Ġimgħa 31 ta' Ottubru.

3.1.12. Fis-17 ta' Ottubru wkoll s-SE attenda għat-tqassim ta' fondi għall-Attività tal-Milied mis-Segretarjat Parlamentari għal Gvern Lokali. Il-Kunsill se jibbenefika minn €15,000 għal din l-attività.

3.1.13. Fid-19 ta' Ottubru żaret il-mitħna delegazzjoni Ewropea *EU Alive Malta 25*. Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier Godwin Grech u lis-sur Alessandro Bajjada li akkumpanjaw lil din id-delegazzjoni.

3.1.14. Fit-23 ta' Ottubru ltaqa' s-sottokumitat talbiet u lmenti.

3.1.15. Fil-25 ta' Ottubru saret laqgħa man-Naxxar Lions dwar skema ta' dawl.

3.1.16. Fil-21 ta' Ottubru wkoll saret laqgħa mas-Sur Paul Catania dwar proposta ta' ġemelaġġ.

3.1.17. Fis-27 ta' Ottubru saret laqgħa ma' Infrastructure Malta dwar dak li qed jiġri fiż-żona tal-iskejjel u l-mitħna.

3.1.18. Aktar komunikazzjonijiet mis-Sindku jkompli f'paragrafu 11 taħt.

**4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI;**

4.1. Is-SE informa li ma kellux mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI:**

**A. SKEDA TAL-PAGAMENTI** Anness A**;**

**i)** Il-Kunsillier Sciberras iddikjara li għandu konflitt ta' interess. Huwa ma pparteċipax bl-ebda mod f'din il-parti tal-laqgħa.

**ii)** Il-Kunsill approva fuq proposta tal-Kunsillier Muscat issekondat mill-Kunsillier Gatt.

**B. SKEDA TA' DĦUL** Anness B;

**i)** Il-Kunsill approva *nem con* fuq proposta tal-Viċi Sindku issekondat mis-Sindku.

**C. SKEDA TA' ORDNIJIET** Anness Ċ;

**i)** Il-Kunsill approva *nem con* fuq proposta tal-Kunsillier Gatt issekondat mis-Sindku.

**D. INFIQ MILL-PETTY CASH** Anness D;

**i)** Il-Kunsill approva *nem con* fuq proposta tal-Kunsillier Camilleri issekondat mill-Kunsillier Cuomo.

**E. KWOTAZZJONIJIET GĦAD-DAWL TAL-MILIED**

**i)** Is-sindku fakkar li kull sena qed toħroġ talba għal kwotazzjonijiet permezz tas-sistema tal-EPPS. B'dan il-mod il-Kunsill qed jiffranka ammont konsiderevoli ta' flus minn dak li kien iħallas fis-snin passati.

**ii)** Is-SE informa li kuntrattur wieħed biss tefgħa kwotazzjoni u li huwa l-istess kuntrattur li ħadem is-sena l-oħra. Il-kwotazzjoni hija ta' €8,160 eskluż il-vat.

**iii)** Il-Kunsill approva *nem con* wara li qies li l-kwotazzjoni hija ġustifikata.

**6. RAPPORT MIS-SOTTOKUMITAT TALBIET U LMENTI** Anness F**;**

6.1. Dan ir-rapport ġie apporva fuq proposta tal-Kunsillier Sciberras issekondat mill-Kunsillier Gatt.

**7. KWISTJONIJIET MA' TRANSPORT MALTA**

7.1. Is-Sindku fakkar li Transport Malta bidlet id-drezzjoni ta' Triq Santa Fawstina Kowalska mingħajr konsultazzjoni la mar-residenti u wisq inqas mal-Kunsill.

7.2. Fid-dawl ta' dan il-Kunsill bħala entità awtonoma, u wara li kien hemm qbil mill-Kunsillieri qabel il-laqgħa (minħabba li kien każ urġenti) ressaq protest ġudizzjarju kontra Transport Malta.

7.3. Minkejja li TM ġew notifikati b'dan il-protest fl-1 ta' Ottubru, s'issa għadhom ma t'hawx risposta.

7.4. Is-Sindku informa li f'okkażjoni oħra TM iddeċidiet li tagħmel parkeġġ riżervat mingħajr konsultazzjoni mal-Kunsill minkejja li t-triq in-kwistjoni hija taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill.

7.5. Is-Sindku informa li jinsab infurmat li għaddejjin xi petizzjonijiet mir-resident tat-triq imsemmija u dawn se jkunu qed jintalqgħu mil-Kunsill.

7.6. Il-Kunsill qabel *nem con.*

## 8. IL-PROBLEMA TAT-TRAFFIKU WAQT IL-ĦINIJIET TAL-ISKEJJEL

8.1. Is-Sindku fakkar fil-problema tat-traffiku fiż-żona tal-iskejjel. Huwa fakkar li hemm proġett quddiem il-mitħna li jrid jitkompla li iżda qed jiġi pospost minn IM minħabba raġunijiet varji.

8.2. Is-Sinkdu informa li wara l-laqgħa ma' IM ġie deċiż li dan il-proġett jitkompla lejn l-aħħar ta' Ġunju 2025.

8.3. Is-Sindku informa li se jkunu qed isiru laqgħat mal-entitajiet kollha li se jkunu affettwati.

8.4. Dwar il-problema tat-traffiku s-Sindku saħaq li mhux qed ikun hemm biżżejjed infurzar. Huwa nforma li għaddejja komunikazzjoni biex isir xi irranġar fiż-żona li jista' jwassal biex tittaffa l-problema.

8.5. Is-Sindku fakkar ukoll li l-Kunsill ġie mwiegħed li tinfetaħ triq mill-iskejjel għal ġewwa l-Iklin li baqgħat ma nfetħitx.

8.6. Is-Sindku ippropona li hekk kif ikun hemm xi pjan għal tibdil, tali tibdil ikun imressaq quddiem il-Kunsill għad-diskussjoni u approvazzjoni.

8.7. Il-Kunsill qabel *nem con.*

## 9. TISMIJA TA' TOROQ ĠODDA

9.1. B'riferenza għal laqgħa preċedenti, is-Sindku fakkar li hemm ħames toroq, fl-akwata ta' San Pawl tat-Tarġa, li jridu jingħataw isem.

9.2. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill ħa s-suġġerimenti minn nies u entitajiet lokali dwar dawn l-ismijiet u rċieva seba' (7) proposti.

9.3. Is-Sindku ċċara li minkejja li l-Kunsill jgħati l-proposti tal-ismijiet, hija fil-prerogattiva tal-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq jekk jaċċettax l-ismijiet issuġġeriti.

9.4. Il-Kunsillier Brincat issuġġerixxa li għandhom jintbagħatu l-ismijiet kollha proposti u jiddeċiedi l-Kumitat tat-tismija tat-toroq liema jagħżel.

9.5. Il-Kunsill qabel *nem con* mal-proposta tal-Kunsillier Brincat.

9.6. Il-Kunsillier Sciberras ippropona li qabel isir dan, il-Kunsill jinforma lill-għaqdiet lokali kollha permezz ta' imejl u jitlob għas-suġġerimenti tagħhom.

9.7. Il-Kunsill qabel li jibgħat l-imejl hekk kif ssuġġerit mill-Kunsillier Sciberras u jalloka ġimgħatejn ċans biex jirċievi l-proposti. Hekk kif jgħalaq iż-żmien, l-ismijiet kollha jibgħatu lill-Kumitat tat-tismija tat-toroq biex jintgħażlu l-ismijiet.

## 10. ATTIVITÀ TAL-HALLOWEEN

10.1. Is-Sindku fakkar li nhar il-Ġimgħa 31 ta' Ottubru se tittella' l-attività tal-Halloween.

10.2. Is-Sindku informa li l-Kunsill irċieva xi preokupazzjonijiet mir-residenti ta' Triq Santa Luċija.

10.2.1. In-nuqqas ta' parkeġġ ġie indirizzat billi r-residenti ingħataw żewġ permessi kull dar biex waqt l-attività jipparkjaw fl-oratorju.

10.2.2. Il-preokupazzjoni dwar in-numru ta' tfal u l-ammont ta' ħelu li se jkun qed jitqassam, ġiet indirizzat billi l-Kunsill se jkun qed iqassam ftit ħelu lid-djar li jkunu mżejna għal-Halloween bi spiża minima.

10.2.3. Ir-residenti rrimarkaw ukoll dwar vandaliżmu jew ħsarat waqt l-attività. Is-Sindku informa li t-tfal li se jkunu qed iduru mal-għaqdiet se jkollom adulti magħhom u għalhekk mhux se jkun hemm lok ta' vandaliżmu. Dwar tfal oħra li ma jkunux ma' xi għaqda, s-Sindku ħeġġeġ għall-prudenza minn kulħadd.

## 11. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU (IT-TIENI PARTI)

11.1. Bejn 6-18 Ottubru sar it-tibdil tal-ID Cards skaduti fin-Naxxar. Minn 3,800 li kienu eliġibbli li jbiddlu l-ID cards, ġew biss 795. Dan minkejja l-ammont ta' promozzjoni li saret. Is-Sindku rrimarka li l-uffiċjali ta' Identità faħħru lill-kunsill u lill-impjegati għal-koperazzjoni tagħhom.

11.2. Is-Sindku informa li kienet waslet kommunikazzjoni dwar it-tilqim tal-influwenza. Huwa informa li bħas-snin preċedenti, il-Kunsill se jkun qed jgħati servizz. Is-Sindku informa li l-Kunsill qed jistenna aktar informazzjoni.

11.3. Il-Kunsillier Cuomo staqsiet jekk hux se jingħata tilqim ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq. Is-Sindku wieġeb li dan is-serviżż huwa miftuħ għar-residenti kollha inkluż dawk ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Għal dawk li għandhom problema ta' mobbiltà, il-Kunsill se jkun qed joffri trasport b'xejn. Is-Sindku informa li mhux possibbli li wieħed joqgħod idur bit-tilqim minħabba varjanza fit-temperatura tagħhom.

11.4. Is-Sindku informa li fil-ġranet li ġejjin se tkun qed tittella' laqgħa dwar il-Mental Health.

## 12. ATTIVITAJIET MARBUTIN MAL-MILIED

12.1. Is-Sindku fakkar fl-attività li qed tiġi organizzata għal żmien il-Milied. Huwa informa li d-data hija maqbula (20 ta' Diċembru) li din is-sena l-attività se tkun fuq żewġ aspetti – Christmas Market u entertainment u mużika. Bħalissa wkoll l-amministrazzjoni qed tilqa' applikazzjonijiet għall-armar ta' stalls u jidher li hemm interess tajjeb. Semma li l-kordinazzjoni qed tinkludi lill-Kunsillieri Godwin Grech u Andrè Muscat flimkien miegħu u mal-amministrazzjoni.

12.2. Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li jilqa' l-offerta ta' Versatile brass Band għas-somma ta' Eur 8000 eskluż il-vat.

12.3. Is-SE irrimarka li fid-dawl li l-infiq se jkun iktar minn dak permess għal *direct order* se jkun qed tintalab l-awtorizzazzjoni tad-Direttur Ġenerali biex isir tali

infieq b'ordni diretta. Il-Kunsill qabel.

12.4. Is-Sindku semma li qed issir il-kordinazzjoni għall-attività tal-Anzjani u kif ikollu aktar informazzjoni, stimi eċċ, jgħaddiha lill-Kunsillieri. Il-ħsieb huwa li l-Kunsill jipprova jinvolvi postijiet li mhux neċessarjament jinsabu fiċ-ċentru tan-Naxxar. Sadanittant jidher li qed ikun hemm interess għal ikliet f'perjodi oħrajn bħall-Għid u l-Kunsillier Cuomo se tikkordina dawn ukoll. Il-ħlas għall-ikliet isiru minn min ikun qiegħed jattendi.

12.5. Is-Sindku semma li qed nitolbu kwotazzjonijiet għal *christmas gathering* bejn il-Kunsillieri u l-ħaddiema kollha u din is-sena minflok bilqegħda qed ikun propost li jkun standing. Id-data proposta hija s-17 ta' Diċembru. Il-Kunsill qabel.G

12.6. Is-Sindku informa li r-Reġjun se jagħmel riċeviment reġjonali għall-Milied fis-sala tal-Kunsill. Dan skont il-pjan maqbul fil-Kunsill Reġjonali li din l-attività ssir b'rotazzjoni fil-Kunsilli kollha fir-reġjun.

## 13. LAQGĦA ANNWALI TAL-LOKALITÀ

13.1. Is-Sindku informa li wasal iż-żmien li ssir laqgħa tal-lokalità annwali.

13.2. Is-SE iċċara li l-iskop ta' din il-laqgħa huwa li jkun diskuss il-baġit annwali tal-Kunsill sabiex tingħata l-opportunità lir-residenti jgħaddu l-proposti tagħhom qabel ma l-Kunsill jikkonsidra l-baġit.

13.3. Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa ssir Tnejn 24 ta' Novembru fis 7.00pm

## 14. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

14.1. Il-Laqgħa ntemmet fis-6.40pm.

14.2. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir it-Tnejn 24 ta' Novembru fis 6.00pm.

| | |
|---|---|
| **DOTT. CHRISTOPHER DEGUARA** | **PAUL GATT** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

**KUNSILL LOKALI IN-NAXXAR**

21 ta' Ottubru, 2025

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## AĠENDA Numru 9/18

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Naxxar

Lis-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillieri,

Qiegħed tiġi mitlub/a tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgħa 29 ta' Ottubru 2025 fis-18:00.

Il-laqgħa se tkun imxandra *live* fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill u se tkun qed tiġi rrekordjata biex tiġi mxandra b'mod *on demand*.

Importanti tkunu fil-ħin.

Paul Gatt

Segretarju Eżekuttiv

*Aqleb wara*

# AĠENDA

## LAQGĦA TAL-KUNSILL Numru 9/18

1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;
4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' rapporti finanzjarji:
   a. Skeda tal-pagamenti;
   b. Skeda ta' dħul;
   c. Skeda ta' ordnijiet;
   d. Infiq mill-Petty Cash;
   e. Kwotazzjonijiet għad-dawl tal-Milied;
6 Rapport mis-Sottokumitat Talbiet u Lmenti;
7 Kwistjonijiet ma' Transport Malta;
8 Il-problema tat-traffiku waqt il-ħinijiet tal-iskejjel;
9 Tismija ta' toroq godda;
10 Attività tal-Halloween;
11 Attivitajiet marbuta mal-Milied;
12 Laqgħa annwali tal-lokalità;
13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali In-Naxxar**

**Purchase Order list for the month of September 2025** **01/09/2025**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 01/09/2025 | 200/25 | Spiral Design Ltd | Stickers for barriers | 82.60 |
| 01/09/2025 | 201/25 | Richie's Ironmongery | 10 solar reflectors | 175.00 |
| 01/09/2025 | 202/25 | Hector's Ironmongery | sprays | 24.49 |
| 03/09/2025 | 203/25 | Hector's Ironmongery | Zip Ties | 19.71 |
| 03/09/2025 | 204/25 | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | 32.08 |
| 05/09/2025 | 205/25 | Antoine Fenech Florist | Bouquet for funeral Cuomo | 40.00 |
| 09/09/2025 | 206/25 | Antes | Low cost travel insurance for 3 to Bulgaria | 81.00 |
| 09/09/2025 | 207/25 | CE Installations | 1 dusk dawn sensor for Masgar it-tfal | 448.40 |
| 10/09/2025 | 208/25 | Bitmac Works Ltd | Instant Road Repair Bags | 32.09 |
| 10/09/2025 | 209/25 | Benjamin Cilia | Crane hire for the moving of concrete blocks - Qalet Marku | |
| 10/09/2025 | 210/25 | Central Asphalt Ltd. | Blokok at Qalet Marku | |
| 12/09/2025 | 211/25 | Bitmac Works Ltd | Instant Road Repair Bags | 48.14 |
| 15/09/2025 | 212/25 | B. Grima & Sons Ltd. | signs needed | 510.94 |
| 16/09/2025 | 213/25 | Hector's Ironmongery | Manhole PVC, PVC box, conduit clips, conduit, solid bend & stixall | 60.06 |
| 16/09/2025 | 214/25 | YTC embroidery | Logo embroidery on 6 polo shirts for handymen | 74.46 |
| 17/09/2025 | 215/25 | Longbow Ltd | 2 Boxes of Tork Soft Folded Toilet Paper; art. Nr. 114273 & Tork - Mild Foam Soap x1 Box | 164.36 |
| 18/09/2025 | 215/25 | Scan Computers | Laptop + upgrades and router | 3,688.90 |
| 18/09/2025 | 216/25 | Paramount Garage | Day Centre outing - September and October | 342.20 |
| 19/09/2025 | 217/25 | Kenneth Hardware Store | Equipment needed for the clean up of 27.9.25 | 216.22 |
| 19/09/2025 | 218/25 | Brownrig Supplies Direct Ltd | Galvanised pipes for Football goalpost | 211.98 |
| 22/09/2025 | 219/25 | Bitmac Works Ltd | instant road repair | 192.48 |
| 22/09/2025 | 220/25 | Kimroke Limited | Core Driller service - football ground | 377.60 |
| 22/09/2025 | 221/25 | BAZ Metal Works | cutting & welding of football goal posts | 141.60 |
| 22/09/2025 | 220/25 | Bitmac Works Ltd | instant road repair | 96.29 |
| 25/09/2025 | 221/25 | Hector's Ironmongery | Gloves, Bag Rolls & Fishers | 28.64 |
| 30/09/2025 | 222/25 | Peace Band Club | Annual Concert 2025 - Silver package | 400.00 |

# Naxxar Local Council

**Petty Cash Sep 2025**

| For 10/09/2025 through 26/09/2025 | | | Balance | €200.00 | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| **Date** | **Supplier** | **Description** | **Amount Deposited** | **Amount Withdrawn** | **Reference** |
| | | Balance Brought Forward | €200.00 | | |
| | | | | | |
| 10/09/2025 | Richie's | Bolts for benches | | €37.36 | 056/25 |
| 10/09/2025 | Richie's | Spray paint | | €15.00 | 057/25 |
| 11/09/2025 | Maltapost | Returned post | | €0.45 | 058/25 |
| 11/09/2025 | Zaky's | 2 A3 paper ream | | €23.90 | 059/25 |
| 12/09/2025 | Master Cellars | 4 bottles of wine for Bulgaria trip | | €45.68 | 060/25 |
| 19/09/2025 | Stop & Shop | 1 Pifpaf | | €4.99 | 061/25 |
| 25/09/2025 | The Conv Shop | 2pkts toilet paper | | €4.98 | 062/25 |
| 26/09/2025 | Intercomp | 1 label printer | | €50.00 | 063/25 |
| | | Return to float | €182.36 | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | **Totals** | **€382.36** | **€182.36** | |

Charmaine Calleja

01/10/2025

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mit-18 ta' Settembru 2025 sal-20 ta' Ottubru 2025**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates | €283.20 | €283.20 | T | PF | Review of planning applications - Sept 25 | 30/09/2025 | 47 | n/a | n/a | 3190 |
| 2 | Advisory 21 | €413.00 | €413.00 | T | PF | DPO Services for Sept 2025 | 30/09/2025 | 2018-8973 | n/a | n/a | 3190 |
| 3 | Joseph Agius | €153.40 | €153.40 | K | PF | Highup service (transport, laying and disposing of old manholes) | 01/10/2025 | 140 | 181/25 | 181/25 | 3190 |
| 4 | Alka Ceramics | €113.28 | €113.28 | K | PF | 2 street names | 02/10/2025 | 8029 | 195/25 | 195/25 | 2313 |
| 5 | Antoine Fenech Florist | €197.00 | €197.00 | K | PF | Various bouquets as needed | 02/10/2025 | 275 | various | | 3340 |
| 6 | Antoine Fenech Florist | €40.00 | €40.00 | K | PF | Bouquet as needed | 02/10/2025 | 332 | various | | 3340 |
| 7 | Apcopay | €24.04 | €0.00 | NA | PF | BOV transactions for Aug 2025 | 17/09/2025 | 29332 | n/a | n/a | 3035 |
| 8 | Apcopay | €27.65 | €0.00 | NA | PF | BOV transactions for Sept 2025 | 16/10/2025 | 29711 | n/a | n/a | 3035 |
| 9 | ARMS | €1,289.18 | €1,289.18 | NA | PF | Bill for LC office (26.7.25-11.9.25) | 30/09/2025 | 41552736 | n/a | n/a | 2150 |
| 10 | ARMS | €24.59 | €24.59 | NA | PF | Bill for Masgar it-tfal (7.8-1.9.25) | 30/09/2025 | 41552737 | n/a | n/a | 2130 |
| 11 | ARMS | €132.42 | €132.42 | NA | PF | Bill for Gnien il-Hamrija (31.5-1.9.25) | 06/10/2025 | 41589314 | n/a | n/a | 2130 |
| 12 | ARMS | €50.46 | €50.46 | NA | PF | Bill for Triq l-Ghakkies (31.5-1.9.25) | 06/10/2025 | 41589313 | n/a | n/a | 2130 |
| 13 | ARMS | €339.99 | €339.99 | NA | PF | Bill for Triq Sir H Luke (17.6-16.9.25) | 06/10/2025 | 41589315 | n/a | n/a | 2130 |
| 14 | ARMS | €109.74 | €109.74 | NA | PF | Bill for Gnien Ghenieq (29.5-1.9.25) | 06/10/2025 | 41589312 | n/a | n/a | 2130 |
| 15 | ARMS | €95.52 | €95.52 | NA | PF | Bill for Gnien UE (31.5-1.9.25) | 06/10/2025 | 41589311 | n/a | n/a | 2130 |
| 16 | ARMS | €584.38 | €584.38 | NA | PF | Bill for Water Pump Parrocca (17.6-16.9.25) | 06/10/2025 | 41589316 | n/a | n/a | 2130 |
| 17 | ARMS | €265.78 | €265.78 | NA | PF | Bill for publ conv Triq Labour (17.6-15.9.25) | 06/10/2025 | 41589317 | n/a | n/a | 2130 |
| 18 | Jurgen Attard | €390.00 | €390.00 | K | PF | Football ground guardian Sept 2025 | 30/09/2025 | 3399 | n/a | n/a | 3191 |
| 19 | B. Grima & Sons | €510.94 | €510.94 | K | PF | Signs, bolts and nuts | 16/09/2025 | 10016665 | 212/25 | 212/25 | 2313 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

________________ Dr Chris Deguara
Sindku

________________ Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

________________ Proponent

________________ Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mit-18 ta' Settembru 2025 sal-20 ta' Ottubru 2025**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 20 | B. Grima & Sons | €453.12 | €453.12 | K | PF | Signs, bolts and nuts | 16/10/2025 | 10016808 | 230/25 | 230/25 | 2313 |
| 21 | Bitmac | €192.48 | €192.48 | K | PF | Instant road repair | 23/09/2025 | 185446 | 219/25 | 219/25 | 2311 |
| 22 | Brownrigg Supplies | €211.98 | €211.98 | K | PF | Galvanised pipes for Football goalpost | 23/09/2025 | 184109 | 218/25 | 218/25 | 2310 |
| 23 | Grace Camilleri | €254.40 | €254.40 | NA | PF | Librarian services for Sept 2025 | 30/09/2025 | | n/a | n/a | 2995 |
| 24 | Michael Caruana | €135.00 | €135.00 | K | PF | Xiaomi 15c | 17/10/2025 | 34522 | 241/25 | 241/25 | 7310 |
| 25 | Chris Abela Artisans | €135.00 | €135.00 | K | PF | Silver Frame for Jum in-Naxxar 2024 | 29/09/2025 | 25002 | n/a | n/a | 3360 |
| 26 | CE Installations Ltd | €448.40 | €448.40 | D | PF | 1 dusk dawn sensor for Masgar it-tfal | 22/09/2025 | 3311 | 207/25 | 207/25 | 7606 |
| 27 | Central Asphalt | €236.00 | €236.00 | K | PF | Delivery of 5 concrete blocks to Qalet Marku | 16/10/2025 | 21132 | 210/25 | 210/25 | 2310 |
| 28 | Central Asphalt | €296.77 | €296.77 | NA | PF | Removal of waste after clean up on 5/10/25 | 16/10/2025 | 21133 | n/a | n/a | 2310 |
| 29 | Centru Pastorali BIC | €80.00 | €80.00 | NA | PF | Use of Pastoral Centre between May and July, 2025 | 16/09/2025 | 2025/02 | 168/25 | 168/25 | 3381 |
| 30 | Centru Pastorali BIC | €80.00 | €80.00 | NA | PF | Use of Pastoral Centre between Jan and Mar 2024 | 29/09/2025 | 2025/03 | 225/25 | 225/25 | 3381 |
| 31 | Centru Pastorali BIC | €80.00 | €80.00 | NA | PF | Use of Pastoral Centre between Oct and Dec 2024 | 29/09/2025 | 2025/04 | 226/25 | 226/25 | 3381 |
| 32 | Councillors | €960.00 | €960.00 | NA | PF | Per diem for Belgium trip for 2 councillors | 01/10/2025 | | n/a | n/a | 2810 |
| 33 | Datatrak | €71.07 | €71.07 | NA | PF | 8 pre-regional tickets for Sept 25 | 30/09/2025 | 1015939 | n/a | n/a | 3610 |
| 34 | DOI | €10.00 | €10.00 | NA | PF | NLC/Q/16/2026 - Rental, Installation and Dismantling of Decorative Christmas Lights in Naxxar | 25/09/2025 | | n/a | n/a | 2940 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

________________
Dr Chris Deguara
Sindku

________________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

________________
Proponent

________________
Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mit-18 ta' Settembru 2025 sal-20 ta' Ottubru 2025**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 35 | DOI | €10.00 | €10.00 | NA | PF | NLC/04/2025 - gov gazette re Tender cleaning | 16/10/2025 | | n/a | n/a | 2940 |
| 36 | E.J. Mangion | €225.00 | €225.00 | D | PF | Unblocking drainage at public convenience at Labour Avenue on 6/9/2025 | 18/09/2025 | 32157 | n/a | n/a | |
| 37 | Epic | €5.58 | €5.58 | NA | PF | Bill for 79404014 for Sept 2025 and usage Aug 25 | 01/09/2025 | 15278165092025 | n/a | n/a | 2160 |
| 38 | Epic | -€5.87 | -€5.87 | NA | PF | Revised bill for 99939056 and 79404014 for Sept 25 | 01/10/2025 | 15317518102025 | n/a | n/a | 2160 |
| 39 | Epic | -€3.64 | -€3.64 | NA | PF | Revised bill got 99370090 for Sept 25 | 01/10/2025 | 153175191025 | n/a | n/a | 2160 |
| 40 | Galea Cleaning Solutions | €11,215.79 | €11,215.79 | T | PF | Street sweeping for Sept 2025 | 30/09/2025 | 349 | n/a | n/a | 3051 |
| 41 | Galea Cleaning Solutions | €1,062.00 | €1,062.00 | T | PF | Street sweeping for Sept 2025 - extra | 30/09/2025 | 350 | n/a | n/a | 3051 |
| 42 | Galea Cleaning Solutions | €3,207.07 | €3,207.07 | T | PF | Difference in salary for Sept 2025 | 30/09/2025 | 348 | n/a | n/a | 3051 |
| 43 | GO plc | €40.01 | €40.01 | NA | PF | Rental for 21416341 for Oct 25 | 01/10/2025 | 98316106 | n/a | n/a | 2160 |
| 44 | GO plc | €16.50 | €16.50 | NA | PF | Rental for 21416363 for Oct 25 | 01/10/2025 | 98316108 | n/a | n/a | 2160 |
| 45 | GO plc | €20.58 | €20.58 | NA | PF | Rental for Oct 25 and usage for 21417224 Sept 25 | 01/10/2025 | 98316073 | n/a | n/a | 2160 |
| 46 | Guarantee | €110.00 | €110.00 | NA | PF | Refund after works in Triq il-Kbira | 01/10/2025 | g. 49999 | n/a | n/a | 4006 |
| 47 | Guarantee | €120.00 | €120.00 | NA | PF | Refund after works in Triq San Pawl | 01/10/2025 | g.49560 | n/a | n/a | 4006 |
| 48 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq il-Haddieda | 19/09/2025 | g.35657 | n/a | n/a | 4006 |
| 49 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Castro | 19/09/2025 | g.46310 | n/a | n/a | 4006 |
| 50 | Guarantee | €230.00 | €230.00 | NA | PF | Refund after works in Triq Castro | 19/09/2025 | g.48993 | n/a | n/a | 4006 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

______________
Dr Chris Deguara
Sindku

______________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

______________
Proponent

______________
Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mit-18 ta' Settembru 2025 sal-20 ta' Ottubru 2025**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 51 | Handymen | €4,582.11 | €4,582.11 | T | PF | Handymen service for Sept 2025 | 29/09/2025 | | n/a | n/a | 3125 |
| 52 | Hector's ironmongery | €28.64 | €28.64 | K | PF | Gloves, bags and fishers | 07/10/2025 | 454 | 221/25 | 221/25 | 2210 |
| 53 | Hector's ironmongery | €202.03 | €202.03 | K | PF | Various ironmongery items as needed | 07/10/2025 | 453 | 198/25, | 199/25, | 2210 |
| 54 | Hector's ironmongery | €78.24 | €78.24 | K | PF | Various ironmongery items as needed | 07/10/2025 | 452 | 183/25, | 186/25, | 2210 |
| 55 | Image Systems | €183.58 | €183.58 | NA | PF | Usage and rent billing for xerox Sept 25 | 30/09/2025 | 646824 | n/a | n/a | 2670 |
| 56 | Inland Revenue Deprt | €5,800.30 | €5,800.30 | NA | PF | FSS & NI Sept 2025 | 29/09/2025 | | n/a | n/a | 1500 |
| 57 | Kenneth Hardware Store | €216.22 | €216.22 | K | PF | Equipment needed for clean up 27.9.25 | 23/09/2025 | 124444 | 217/25 | 217/25 | 3051 |
| 58 | Lesa | €9.32 | €9.32 | NA | PF | 10% Admin Fee for August 2025 | 26/09/2025 | 22-016874 | n/a | n/a | 3610 |
| 59 | Longbow | €164.36 | €164.36 | K | PF | 2 Boxes of Tork Soft Folded Toilet Paper; art. Nr. 114273 & Tork - Mild Foam Soap x1 Box | 17/09/2025 | 20129 | 215/25 | 215/25 | 2220 |
| 60 | Melita plc | €257.49 | €257.49 | D | PF | Internet service for different locations Oct 25 | 01/10/2025 | 119617425 | n/a | n/a | 2160 |
| 61 | MTA | €700.00 | €700.00 | | | Deposit of EUR70 per stall for Christmas event on 20.12.25 | 15/10/2025 | tkt101244 | n/a | n/a | 3360 |
| 62 | MTA | €150.00 | €150.00 | | | Hire of EUR15 per stall for Christmas event on 20.12.25 | | tkt101244 | n/a | n/a | 2400 |
| 63 | Paramount | €359.90 | €359.90 | K | PF | Transport services for July 2025 | 24/09/2025 | 10015783 | 044/25 | 147/25 | 2720 |
| 64 | Romina Perici Ferrante | €490.88 | €490.88 | K | PF | Accounting Services for Aug 2025 | 01/10/2025 | 25/031 | 003/25 | 003/25 | 3160 |
| 65 | Romina Perici Ferrante | €82.60 | €82.60 | K | PF | Evaluation of tender -NLC/02/2025 | 01/10/2025 | 25/033 | 144/25 | 144/25 | 3190 |
| 66 | Romina Perici Ferrante | €490.88 | €490.88 | K | PF | Accounting Services for Sept 2025 | 01/10/2025 | 25/034 | 003/25 | 003/25 | 3160 |
| 67 | Refund | €35.00 | €35.00 | NA | PF | Refund for fitness course | 07/10/2025 | tkt100271 | n/a | n/a | 21 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

__________________
Dr Chris Deguara
Sindku

__________________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

__________________
Proponent

__________________
Sekondant

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mit-18 ta' Settembru 2025 sal-20 ta' Ottubru 2025**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 68 | Refund | €690.73 | €690.73 | NA | PF | Refund re adverts and Halloween items | 14/10/2025 | ES | n/a | n/a | 3360 |
| 69 | Refund | €75.00 | €75.00 | NA | PF | 1 solar panel and flood light for more light infront of Archway in Vjal 21 ta' Settembru | 14/10/2025 | Mayor | n/a | n/a | 2310 |
| 70 | Refund | €83.00 | €83.00 | NA | PF | Refund re Halloween items bought | 15/10/2025 | Mayor | n/a | n/a | 3360 |
| 71 | Scan Centre | €3,684.91 | €3,684.91 | K | PF | Laptop + upgrades and router | 19/09/2025 | IS4 15884 | 215/25 | 215/25 | 7315 |
| 72 | Simply Clean | €2,124.00 | €2,124.00 | T | PF | Cleaning, opening and closing of latrina Labour Avenue Sept 2025 | 04/10/2025 | 818 | n/a | n/a | 3053 |
| 73 | Simply Clean | €911.90 | €911.90 | T | PF | Cleaning of LC offices for Sept 25 | 05/10/2025 | 823 | n/a | n/a | 3055 |
| 74 | Simply Clean | €998.75 | €998.75 | T | PF | Cleaning of LC offices for July 25 | 11/08/2025 | 777 | n/a | n/a | 3055 |
| 75 | Simply Clean | €3,622.01 | €3,419.64 | T | PF | Bulky refuse service for Sept 2025 | 08/10/2025 | 842 | n/a | n/a | 3042 |
| 76 | Simply Clean | €91.10 | €91.10 | T | PF | Mithna tal-ghaqba cleaning for Sept 25 | 10/10/2025 | 847 | n/a | n/a | 3060 |
| 77 | Mark Taliana Gardening | €7,825.76 | €7,825.76 | T | PF | Gardening services for Sept 2025 | 30/09/2025 | 2078 | n/a | n/a | 3061 |
| 78 | Mark Taliana Gardening | €1,386.50 | €1,386.50 | D | PF | Cleaning/removing of dead trees/yuccas etc from it-Torri tal-Kaptan | 30/09/2025 | 2084 | 231/25 | 231/25 | 3061 |
| 79 | Ta' Verna Folk Band | €1,560.00 | €1,560.00 | D | PF | 6pc Folk band and dancers for 5th July 2025 event | 14/07/2025 | TVFB 017-25 | 141/25 | 141/25 | 3360 |
| 80 | Talexio | €2.36 | €2.36 | NA | PF | Additional employee for Sept 2025 | 30/09/2025 | 16928 | n/a | n/a | 3190 |
| 81 | Talexio | €7.08 | €7.08 | NA | PF | Additional employee for Oct-Dec 2025 | 01/10/2025 | 17154 | n/a | n/a | 3190 |
| 82 | The New Victorians | €442.50 | €442.50 | D | PF | 25% deposit on Christmas gig on 20/12/2025 | 14/10/2025 | 429 | 242/25 | 242/25 | 3360 |
| 83 | Urban Furniture Malta | €250.16 | €250.16 | K | PF | 2x Speed Ramps End Caps (25cmx90cm) & 5x Midd | 09/10/2025 | 2585 | 192/25 | 192/25 | 2313 |
| 84 | YTCEmbroidery Co Ltd | €74.46 | €74.46 | K | PF | Embroidered logo on poloshirts | 30/09/2025 | 25189 | 214/25 | 214/25 | 2610 |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**

**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

________________
Dr Chris Deguara
Sindku

________________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

________________
Proponent

________________
Sekondant

Kunsill Lokali: In-Naxxar

Seduta tal-Laqgha nr 9/18

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: Mit-18 ta' Settembru 2025 sal-20 ta' Ottubru 2025**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | €63,063.58 | €62,809.52 | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet

PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

________________
Dr Chris Deguara
Sindku

________________
Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv

________________
Proponent

________________
Sekondant

| | |
|---|---|
| **Post:** | **Kunsill Lokali in-Naxxar** |
| **Data:** | **23 ta' Ottubru 2025** |
| **Ħin:** | **11.00am -11.30am** |
| **Preżenti:** | **Is-Sindku, il-Viċi Sindku u Yanika Borg, uffiċjal tal-Kunsill.** |

**Is-SE ressaq l-ilmenti/talbiet fuq il-formoli apposta u li kienu jinkludu ritratti u site plans skont il-każ.**

**Dawn li ġejjin huma l-ilmenti/talbiet imressqa li jinkludu d-deċiżjoni tas-sotto-kumitat:**

| ***Ref. No.*** | ***Tkt. No.*** | ***Deskrizzjoni tat-talba*** | ***Isem tat-triq*** | ***Rakkomandazzjoni tas-Sotto-kumitat*** |
|---|---|---|---|---|
| 14426 | 95959 | talba għall-2 traffic mirrors go Triq is-Sikka faċċata ta' Triq l-Iskall biex jidhru il-karozzi miż-żewġ naħat. | Sikka | Mhux approvata minħabba li Triq l-Iskall hija triq sekondarja, barra minnhekk il-kantunieri huma wiesa' u jippermettu li sewwieq jara hux ġejjin karozzi. Ġie nnotat ukoll li dik il-biċċa ta' Triq is-Sikka hija f'direzzjoni waħda. |
| 14437 | 99180/ 100206 | talba biex isiru bollards minhabba karozzi pparkjati illegalment fuq ir rampa ta triq l-Abbate Savoia u z-zebra crossing ta quddiem il maypole fi vjal 21 ta settembru | 21 Ta' Settembru | Fid-dawl li hija kwistjoni ta' infurzar, din it-talba ma ġietx approvata. Is-sottakumitat ma sabx oġezzjoni jekk il-bollards li diġa hemm jitressqu aktar il-barra u/jew jiżdied f'każ ta' bżonn. |
| 14442 | | Talba biex il-kanutnier ta bejn Triq il-Barrada u Triq l-Ghenieq issir b' żebgħa ħamra u jitwaħħal bollard minħabba pparkjar ħażin fil-kantuniera. | Barrada | Jidher li l-problema qegħada fil-fatt li t-triq hija two-way u fl-istess ħin dejqa. il-kumitat issuġerixxa li jsiru marki u bollards fin-nofs biex is-sewwieqa jieħdu l-karreġjata tagħhom u ma jiġux faċċata ta' xulxin. |
| 14449 | | Talba biex isiru MC bays fi Triq Leli Falzon (fejn kienu qabel, quddiem residenza nru 3 jew fil-vicinanzi) | Leli Falzon | Fid-dawl li hemm proġett pjanat għan-naħa t'isfel ta' Triq Leli Falzon, din it-talba se tiġi kkunsidrata bħala parti minn dan il-proġett. |
| 14477 | 101126 | talba biex titnehha speedhump minn quddiem 130, Triq il-Forga, hekk kif xi sewwieqa tal muturi li jkunu gejjin b velocita eccessiva jghaddu mal gemb tal hump biex jevitawha u qed ikun hemm periklu ghall karozzi parkeggjati | Forga | Fid-dawl li l-hump tidher li qegħda skont l-istandards ta' TM, is-sottokumitat ma' qiesx din it-talba ġustifikata. |

Kunsill Lokali in-Naxxar

29 ta' Ottubru 2025

Lis-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillieri.

Il-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq qed jitlob lill-Kunsill li jissuġerixxi isem għal ħames (5) toroq li għad iridu jissemmew.  It-toroq huma dawk indikati fuq il-pjanti jinsabu hawn taħt:

**Pjanta nr. 1 – fiz-zona ta' quddiem il-Mitħna tal-Għaqba, fejn l-Iskola Sekondarja Giovanni Curmi**




| | |
|---|---|
| ⟷ (vjola) | Biex tissemma b'isem ġdid |
| ⟷ (aħmar) | Biex tissemma b'isem ġdid |

**Pjanta nr. 2 – fiz-zona tal-ex-trade fair grounds:**




| | |
|---|---|
| | Triq ġdida |
| | Żewġ toroq ġodda |
| | Triq ġdida |
| | Prolungament ta' Triq it-Torri tal-Kaptan |

**Nota fuq pjanta nr 2 :**

i) Il-Kunsill diġà iddeċieda li dik immarkata bl-oranġjo tissemma għal Mons. Fr. Richard Borg iżda f'dan l-istadju għadu ma ġiex infurmat il-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq.

ii) il-prolungament ta' Triq it-Torri tal-Kaptan hija ovvja u għalhekk il-Kunsill mhux qed jintalab isem ieħor, la hija l-istess triq li tkompli.

Fuq talba għal suġġerimenti tal-Kunsill, dawn huma s-suġġerimenti ta' ismijiet ta' toroq li l-Kunsill irċieva:

<u>Isem propost:</u> <u>**Athony Catania**</u>

<u>Profil</u> **:** Ħalla warajh wirt kulturali u soċjali importanti fil-komunità Naxxarija. Is-Sur Catania serva bħala President tal-Għaqda Mużikali Marija Bambina, Banda Vittorja Naxxar għal perjodu ta' 38 sena. Matul dan iż-żmien huwa kien strumentali fit-trasformazzjoni tal-għaqda minn każin soċjali għal klabb tal-banda b'saħħtu u organizzazzjoni volontarja ta' livell għoli. L-impenn tiegħu, l-ħidma bla waqfien u l-viżjoni li kellu kienu ta' ġid kbir għall-lokalità tagħna u għall-identità kulturali tagħha.

<u>Isem propost:</u> <u>**Mario Moschetti**</u>

<u>Profil</u> : Dan hu l-artist Taljan li ħadem l-erba' evanġelisti fil-lunetti taħt il-koppla tal-Kolleġġjata. Dawn, is-sena d-dieħla ser ikunu qed jagħlqu mitt sena. Ninsabu ċerti li ġest bħal dan jinżel sew kemm man-Naxxarin li għandhom għal qalbhom lil raħal twelidhom kif ukoll ma' dawk kollha li jħobbu l-kultura inġe

nerali.

Isem propost: **L-Ispiżjar Joseph Deguara**

Profil: L-ispiżjar Joseph Deguara beda jaħdem ta' spiżjar kif bdiet il-gwerra. Fl-1945 fetaħ l-ispiżerija fil-Pjazza tan-Naxxar u għal żmien twil kienu l-uniku spiżjar fin-Naxxar. Dan wassal biex kellu jiddedika ħafna aktar ħin min-normal biex jaqdi l-bżonnijiet tan-Naxxarin. Huwa kien innutat għal xogħol karitettevoli u kkontribwixxa ħafna għall-knisja tan-Naxxar filwaqt li kien attiv fil-ħajja soċjali tar-raħal billi anki serva għal snin bħala President tal-Banda Peace.

Isem propost: **Mro Joseph Fenech**

Profil: Joseph Fenech beda l-karriera tiegħu bħala organista fil-Knisja tan-Naxxar u dam għal aktar minn erbgħin sena. Kien għalliem tal-Mużika mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni filwaqt li kkompona repertorju kbir ta' mużika sagra għall-orgni u l-orkestra. Fl-1967 ġie maħtur Mro. Di Cappella fin-Naxxar u dam sal-1971. Huwa kkompona l-innu 'La Pace' li ndaqq fil-mitt sena mit-twaqqif tal-banda Peace.

Isem propost: **Tonio Cachia** magħruf bħala il-Ħammarun.

Profil: Toni Cachia, magħruf bħala *Il-Ħammarun* min-Naxxar, kien figura ewlenija fil-ħarsien tal-istrument tradizzjonali Malti Ż-Żaqq. Fl-1971 kien l-uniku żaqqaq attiv f'Malta, f'mument meta t-tradizzjoni kienet kważi mitlufa. B'ħila straordinarja f'idejh, kien jagħmel u jsewwi żaqqijiet, jaġġusta r-reeds u l-ħoss tal-istrument; ħafna mużiċisti kienu jiddependu fuqu. Toni ma kienx jibża' jesperimenta b'materjali differenti u għadda għarfien prezzjuż lil oħrajn. Fl-aħħar snin ta' ħajtu sar magħruf nazzjonalment permezz ta' intervisti u dokumentarji. Miet fl-2004, iżda l-wirt tiegħu żgur li għadu ħaj bħala l-aħħar kustodju taż-żaqq Malti.

Isem propost: **Anthony Camilleri** magħruf bħala t-Tommy.

Profil: It-Tommy kien tanburista tradizzjonali Malti u b'rabta kbira mal-isem ta' qabel (Il-Ħammarun). Kellu l-ħila jiżfen iċ-ċaqliq li tanburinista jrid jagħmel waqt id-daqq taż-żaqq. Camilleru kien idoqq ukoll il-kitarra Maltija, għalkemm dejjem kien it-tanbur li ġablu l-fama li għandu fil-qasam folkloristiku Malti. Huwa miet fl-2015.

Isem propost: **Antonio Galea** magħruf bħala Ninu l-Kalora.

Profil: Ninu kien magħruf u msemmi bħala wieħed mil-esponenti ewlenin tal-għana tradizzjonali Malti. L-għana għenet biex ħutna emigrant Maltin baqgħu kburin bil-lingwa Maltija meta mar iferraħhom bit-talenti tiegħu.

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv